MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 822/2006

**Talba Nru: 822/06PBC**

**George Muscat ( I.D. 429749 (M) )**

**Vs**

**Il-Palma Agricultural Supplies Limited ( C 10770 )**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf mitejn u sebgha u sittin lira Maltin (Lm1,267) rapprezentanti zewg skadenzi kera ta' garage "Palm", Triq Gharram, Zebbug, Malta mill-15 ta' Jannar sal-15 ta' Lulju.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf mitejn u sebgha u sittin lira Maltin (Lm1,267), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------